

Brussell, 7 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

12995/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0248(NLE)

LIMITE

COEST 687
POLCOM 246

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, rigward it-tnaqqis u t tneħħija tad-dazji doganali

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ
stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea
u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda,
u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra,
rigward it-tnaqqis u t-tneħħija tad-dazji doganali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari
l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra¹, (il-"Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1247² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (2) Skont l-Artikolu 29(4) u l-Artikolu 465(3) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ (il-"Kumitat tal-Kummerċ") jista' jiddeċiedi sabiex jaċċellera jew ineħħi dazju doganali fuq prodott. Deċiżjoni bħal din għandha tħassar kwalunkwe rata ta' dazju jew kategorija tal-fażi determinata skont l-Iskedi tal-Unjoni jew tal-Ukrajna għal dak il-prodott.

¹ ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2014/295/oj.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1247 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, għajr għad-dispożizzjonijiet relatati mat-trattament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment impjegati bħala ħaddiema fit-territorju tal-parti l-oħra (ĠU L 181, 12.7.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2017/1247/oj>).

- (3) Fuq talba tal-Ukrajna, il-konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 29(4) tal-Ftehim inbdew fl-2021. Sussegwentement il-konsultazzjonijiet ġew sospiżi wara l-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-adozzjoni mill-Unjoni ta' miżuri unilaterali ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ tal-4 ta' Ġunju 2022 (“Miżuri Kummerċjali Awtonomi”) permezz tar-Regolament (UE) 2022/870 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³. Dawk il-Miżuri Kummerċjali Awtonomi ġew imġedda fl-2023 permezz tar-Regolament (UE) 2023/1077 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, u fl-2024 permezz tar-Regolament (UE) 2024/1392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵. Il-Partijiet għall-Ftehim issoktaw bil-konsultazzjonijiet fl-2025. Dawk il-konsultazzjonijiet irriżultaw fi ftehim proviżorju, li għandu jiġi adottat mill-Kumitat tal-Kummerċ, biex iwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-eliminazzjoni ta' dazji doganali u jappoġġa l-allinjament tal-Ukrajna mal-*acquis* tal-UE, li hija parti importanti tan-negozjati tal-adeżjoni tal-Ukrajna mal-Unjoni.

³ Ir-Regolament (UE) 2022/870 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 103, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/870/oj>).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2023/1077 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li jissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L 144, 5.6.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1077/oj>).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2024/1392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L, 2024/1392, 29.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1392/oj>).

- (4) Il-Kumitat tal-Kummerè għandu jadotta deċiżjoni dwar it-tnaqqis u t-tneħħija tad-dazji doganali skont l-Artikolu 29(4) tal-Ftehim matul l-2025.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tal-Kummerè peress li d-deċiżjoni ta' dak il-Kumitat ser ikollha effetti legali.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tal-Kummerè jenħtieġ għalhekk li tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ (il-“Kumitat tal-Kummerċ”) stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”) fir-rigward ta' deċiżjoni dwar it-tnaqqis u t-tneħħija tad-dazji doganali skont l-Artikolu 29(4) tal-Ftehim għandha tissejjes fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
